MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 686/2012

**Anthony Mizzi**
**ID 404953(M)**

**Vs**

**George u Helen konjug Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2012 fejn l-attur qed jitlob:

1. Illi l-attur wettaq xogholijiet ta' bini li saru f'garaxx sottostanti l-fond ossia numru 85, 'Mario House', Triq il-Mejjiela, Qormi, gia propjeta tal-konvenuti liema appalt gie ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dan versu l-prezz ta' elf, mija u tmenin ewro (€1,180) inkluz VAT;

2. Illi sussegwentament l-attur agixxa ta' sensar fir-rigward tal-bejgh tal-fond in kwistjoni ossia mezzanin numru 85, 'Mario House', Triq il-Mejjiela, Qormi, skond kuntratt tal-14 ta' Dicembru, 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, liema kopja qed tigi ezebita u annessa u mmarkata bhala Dok. A, u dan versu l-prezz ta' mija u sebat elef, mija u wiehed u hamsin ewro (€107,151).

3. Illi minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu s-somma dovuta permezz ta' ittra datata t-8 ta' Marzu, 2012 (Dok.A1), il-konvenuti baqghu inadempjanti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri;

4. Ghaldaqstant, l-esponent qieghed jitlob is-somma ta' elfejn mitejn u wiehed u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,251.51) rapprezentanti hlas ta' senserija u hlas ta' appalt rispettivament;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali skond il-ligi sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fejn eccepew illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-drtitt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi m'huwiex minnu li l-istess attur kien involut bhala sensar jew mod iehor strumentali biex sehh il-bejgh li msemmi fl-Avviz.

[1] "Illi l-konvenut mhux responsabbli ghal jlas di fronte tal-attur ghal xi xogholijiet dan seta wettaq fil-fond li jissemma fl-Avviz stante li l-inkarigu nghata lilu minn terzi."

Salv eccezzjonijiet ohra.

Din il-kawza titratta post li jinsab fuq garage. Il-post kien propjeta ta' Mario Bonnici u l-garage kien propjeta tal-konvenut George Bonnici. Il-post kellu jsirlu xi tiswijiet li ghalihom kellu jintuza l-garage ta' missier Georgr Bonnici. fil-bidu kien Mario Bonello li nkariga lil attur fuq ix-xogholijiet. Waqt ix-xogholoijiet gie konkluz ftehim fejn George Bonnici l-konvenut xtara l-post ta' fuq il-garage tieghu.

L-attur jghid fl-affidavit tieghu illi hu gie mqabbad bhala sensar f'dan il-bejgh tant illi thallas is-senserija minghand Mario Bonello fl-ammont ta' elf u wiehed u sebghin ewro (€1,071) li huwa 1% tal-bejgh tal-fond.

Xehed il-perit Henry Attard li spjega illi l-inkarigu tieghu kien minghand Antony Mizzi u li kien thallas minghand Anthony Mizzi stess.

Xehed Mario Bonnici li spjega li kien qabbad lil Anthony Mizzi sabiex jaghmel xi tiswijiet. Izda wara ftit avvicinah l-istess Mizzi bhala sensar u filfatt il-post inbiegh lil George Bonnici u Anthony Mizzi thallas bhala sensar. Ghalhekk Mizzi kien qabad izarma mix-xoghol izda wara ftit kien ftehem mieghu George  Bonnici biex ikompli u hekk gara. Dan xehdu wkoll Anthony Mizzi stess.

[1] **B'digriet ta' nhar il-11 ta' Jannar, 2011 zdiedu s-segwenti kelmiet.**

Xehed il-Perit Vince Buhagiar u Wallace Farrugia.

Xehed il-konvenut George Bonnici permezz ta' affidavit li xehed illi filfatt kien il-perit tieghu li ssugerixxa li jixtri l-post ta' fuq propjeta  ta' Mario Bonello u n-negozju sar mal-ewwel.

Wara li kien sar il-kuntratt bejn il-partijiet il-konvenut jghid illi l-attur kien cempillu ghas-senserija.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati.

Tikkunsidra.

Illi l-attur qed jitlob hlas ta' xoghol li ghamel fil-post wara li sehh in-negozzju ta' bejgh li ghalih jigi responsabbli George Bonnici. Dan hareg car ampjament car peress illi mix-xhieda johrog illi l-attur wara li l-post inbiegh kien beda jzarma izda wara ftehem mal-konvenut rega rama u kompla x-xoghol.

Li kieku l-konvenut ma riedx xoghol minghand Anthony Mizzi allura kien iwaqqfu u ma jhallihx ikompli.

Fir-rigward tas-senserija it-Tribunal huwa tal-fehma illi gialadarba Mario Bonello rrikorixxa lil Anthony Mizzi bhala sensar allura kien verament indahal biex ressaq u wassal ghan-negozju. Ma setax Anthony Mizzi kien sensar ghal naha wahda biss. Fix-xhieda tieghu Mario Bonello cahad kategoralment illi n-negozju tressaq mill-perit jew sar biss bejnu u bejn George Bonnici.

It-Tribunal ghal dawn ir-ragunijiet jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn mitejn u wiehed u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,251.51) lil attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------